**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum it-Tnejn, 14 ta' Jannar, 2019**

Numru 2

**Rikors Guramentat Nru. 85/2015**

**L-Ghaqda tal-Konsumaturi, irraprezentata minn Benjamin Borg Bonello, kif debitament awtorizzat ghall-iskop ta' din il-kawza b'rizoluzzjoni mehuda mill-Bord tat-Tmexxija tal-Ghaqda, bhala rapprezentanti ta' klassi ta' persuni fit-termini tal-Att VI.2012; flimkien mal-membri komponenti din il-klassi Angelo Falzon, Edward Buttigieg u Mary Rose sive Maria Buttigieg**

**vs**

**GlobalCapital Financial Management Limited**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-Ghaqda tal-Konsumaturi tal-5 ta' Novembru, 2015 li jghid hekk:

(1) Illi fl-ahhar nofs tas-sena 2008, il-konjugi Buttigieg u Angelo Falzon kienu gew avvicinati minn rapprezentanti tas-socjeta konvenuta u mhajra, anzi ppressati, sabiex jaqilbu l-investiment ta' ammonti sostanzjali minn dak kollu li huma kienu rnexxilhom ifaddlu matul il-hajja lavorattiva taghhom f'investiment mal-kumpanija konvenuta;

(2) IIIi l-konjugi Buttigieg u Falzon lanqas biss kienu jafu lil xulxin f'dak iz-zmien izda, fil-kaz taghhom it-tnejn is-socjeta konvenuta irrakkommandat investiment f'Lifemark SA Secure Income Bond Series gestit mill-kumpanija Lifemark S.A. rregistrata fil-Lussemburgu;

(3) IIIi effettivament, il-konjugi Buttigieg kienu gew konvinti sabiex jaqilbu investiment ta' sebgha u erbghin elf u mitt euro (€47,100) li huma kellhom sa dakinhar investiti

f'investment mal-HSBC Bank Malta plc kif ukoll akkwistaw somma ta' sebat elef u mitt euro (€7,100) minghand binhom Joseph Buttigieg; u dan fit-3 ta' Ottubru 2008;

(4) IIIi Angelo Falzon, min-naha tieghu, investa ammont komplessiv ta' mitt elf tmien mija u wiehed u ghoxrin dollaru Amerikan u hamsin centezmu (US$100,821.50c); u dan fiI-15 ta' April 2009 sabiex akkwista I-ammont ta' 100,821.5 share f'Lifemark S.A. Secure Income Bond 4 USD-A1;

(5) IIIi hadd minn fost il-koppja Buttigieg jew Angelo Falzon ma ghandu ideja ta' kif jahdmu I-investimenti, imma fl-okkazjoni ta' meta huma gew indotti jinvestu f'din il-kumpanija, huma kienu inghataw assigurazzjoni mir-rapprezentant tal-kumpanija intimata li flushom kienu ser ikunu fiz-zgur fis-sens li I-kapital investit certament kien ser jittiehed Iura minnhom fi tmiem il-perjodu ta' investiment;
(6) IlIi d-decizjoni ta' kull wiehed mill-koppja Buttigieg u Angelo Falzon li jinvestu fil-prodott offrut IiIhom kienet rizultat dirett ta' prattika kummercjali ngusta u qarrieqa tal-kumpanija intimata fit-tifsira tal-Artikoli 51C u 51D tal-Att dwar I-Affarijiet tal-Konsumatur, Kap. 378 tal-Ligijiet ta' Malta; u wkoll bi ksur tad-direttivi u policies li suppost kienu jirregolaw il-gestjoni ta' kampanja ta' investimenti da parti tas-socjeta konvenuta - u dan kollu ghar-ragunijiet u kif sejjer jigi spjegat fid-dettal waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

(7) IIli appena ftit xhur wara li twettaq I-investiment, bdew jitfaccaw problemi fis-sens li fil-bidu c-cekk tal-pagament tal-imghaxijiet beda jittardja ma jasal. F'dik I-okkazjoni l-konjugi Buttigieg kienu cemplu lill-kumpanija konvenuta imma inghataw I-istess assigurazzjoni u struzzjonijiet biex ma jaghmlu xejn ghaliex ma kien hemm I-ebda inkwiet dwar I-investiment. BI-istess mod, Angelo Falzon kien gie skoraggit u diswaz milli jigbor flusu;

(8) IIli effettivament, ftit xhur biss wara, il-pagament tal-interessi ma baqax jitwettaq, u allura I-atturi Buttigieg u Falzon kienu indagaw u sabu li persuni ohra bhalhom gew indotti sabiex jaghmlu dan l-investiment u kienu jinsabu f'qaghda simili;

(9) Illi wara xi zmien, saru jafu li kienu saru ilmenti minn ohrajn mal-Malta Financial Services Authority u illi dik I-Awtorita kienet wettqet I-investigazzjoni taghha, u kkonkludiet fis-sens li l-kumpanija konvenuta agixxiet hazin u bi ksur tar-regoli applikabbli ghal kumpaniji ta' investiment meta hegget lill-investituri sabiex jinvestu f'Lifemark SA Secure Income Bond Series. Minn dak ir-rapport infatti jirrizulta li:
a. Hadd mill-investituri li avvicinaw lill-Awtorita ma kien jifhem il-kumplikazzjonijiet ta' skemi ta' investimenti simili.
b. Il-kumpanija Lifemark fiI-fatt ma kinitx tirraprezenta investiment b'riskju zghir jew ragjonevoli, imma kienet, fi kliem l-Awtorita innifisha "a complex investment product suitable only for particular investors who truly understood its risks".
c. L-Awtorita kkonstatat ukoll li d-dikjarazzjoni tal-konvenuta li hija mexxielha tistabilixxi li xi hadd fost I-investituri kellu "experience in terms of nature, volume and frequency of transactions in other instruments" kienet manisfestament skorretta.
d. L-Awtorita kkonfermat ukoll li I-investituri li wettqu I-ilment ma kellhomx "knowledge and experience" f'dan it-tip ta' strument, u li ghalhekk is-socjeta konvenuta ma messha qatt offritilhom dak it-tip ta' investiment: fi kliemha "you had been mis-sold", u konsegwentement irrakkommandat lil GlobalCapital li tirrifondi Iura lill-atturi I-ammont originarjament investit minnhom rispettivament.

(10) Illi fil-fehma tal-atturi kollha jezistu c-cirkustanzi kollha rikjesti mil-ligi sabiex il-kawza tal-attur Falzon u l-atturi konjugi Buttigieg titmexxa bhala azzjoni kollettiva fit-termini tal-Att VI.20 12 ghaliex:
a. Falzon u l-konjugi Buttigieg huma membri ta' klassi ta' nies, bi ftit jew xejn esperjenza fil-qasam tal-investimenti finanzjarji li gew indotti mill-kumpanija konvenuta sabiex jinvestu flushom fi strument ta' investiment li ma kienx adattat ghall-konoxxenza taghhom, investiment li ghall-kuntrarju gie impingi u pprogettat lilhom bhala investiment b'riskju baxx mentri fil-fatt ma kien xejn minn dan kollu;
b. Illi kif intqal fuq, dan il-komportament tal-intimata jikklassifika ruhu bhala prattika kummercjali ingusta u qarrieqa;
c. Barra minn hekk, il-kumpanija konvenuta naqset milli tavza lill-klijenti taghha meta s-sitwazzjoni tas-socjeta li fiha hija induciethom sabiex jinvestu bdiet sejra ghall-hazin, anzi, ghall-kuntrarju, meta uhud minnhom irrealizzaw x'kien qed u x'seta' jigri u talbuha tiehu azzjoni, hija konxjozament u dolozament tathom parir hazin li wassal sabiex kompliet tgharrqet is-sitwazzjoni;
d. Is-sitwazzjoni ta' Falzon u tal-konjugi Buttigieg hija press'a'poco identika; ghaliex it-tnejn li huma jinsabu f'sitwazzjoni fejn, b'rizultat dirett tar-rapprezentazzjoni skorretti li saru mill-konvenuta tilfu l-investiment kollu taghhom;

(11) Illi barra minn hekk, il-kunsens tal-attur Falzon u tal-konjugi Buttigieg gie kaptat mis-socjeta konvenuta bi frodi adoperata ghad-dannu taghhom mir-rapprezentanti taghha, kif ukoll kien rizultat ta' zball materjali, ipprovokat mis-socjeta intimata, fuq it-tip u l-kwalita ta' prodott li fih huma kienu qeghdin jinvestu;

(12) Illi anki fil-gestjoni da parti taghha tal-investimenti mwettqa mill-atturi Falzon u Buttigieg taht id-direzzjoni taghha, is-socjeta konvenuta gabet ruhha b'mod zleali, ingust u qarrieq kif sejjer jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kaz;

(13) Illi wara dan kollu, l-kumpanija intimata kienet baghtet diversi pagamenti lura lill-konjugi Buttigieg u Angelo Falzon bhala rifuzjoni tal-investiment inizjali taghhom. Min-naha tieghu Angelo Falzon kien halla wiehed minn dawn il-pagamenti billi nvestieh mill-gdid mas-socjeta intimata, filwaqt li l-ahwa Buttigieg sarrfu wiehed mic-cekkijiet. Imma mbaghad, wara li hadu parir minghand l-avukat sottoskritt, huma t-tnejn kienu talbu assikurazzjoni minghand is-socjeta intimata li huma setghu jsarrfu c-cekkijiet li qeghdin jintbaghtu lura lilhom jistghu jissarrfu minghajr pregudizzju ghad-drittijiet u pretensjonijiet taghhom kontra taghha. Tali assigurazzjoni baqghet ma inghatatx u ghalhekk dawn ic-cekkijiet ma ssarrfux.

(14) Illi l-ammonti mitluba huma s-segwenti: il-konjugi Buttigieg qed jitolbu li l-kumpanija konvenuta tirrifondilhom l-investiment taghhom fl-ammont ta' sebgha u erbghin elf u mitt euro (€47,100) flimkien mal-interessi relattivi b'effett mid-data tal-ahhar pagament tal-imghaxijiet fuq din is-somma mill-kumpanija Lifemark Sa wara li jigu akkreditati r-rifuzjoni li twettqet mill-konvenuta akkont ta' dan it-telf qabel April 2014; filwaqt li Angelo Falzon qed jitlob ir-rifuzjoni tal-ammont ta' mitt elf tmien mija u wiehed u ghoxrin dollaru Amerikan u hamsin centezmu (US$100,821.50c); ukoll bl-interessi relattivi b'effett mid-data tal-ahhar pagament tal-imghaxijiet fuq din is-somma mill-kumpanija Lifemark Sa. wara li jigu akkreditati r-rifuzjoni li twettqet mill-konvenuta akkont ta' dan it-telf qabel April 2014;

(15) Illi Falzon u Buttigieg waslu fi ftehim sabiex tinbeda kawza kollettiva, kif jidher mid-dokument hawn anness;

Ghid ghalhekk inti konvenuta ghaliex ma ghandhiex din il-Qorti:
1. Tiddikjara li l-fattispecje ta' dan il-kaz jissodisfaw ir-rekwiziti stabbiliti bl-Att VI.2012 sabiex it-talbiet tal-atturi jkunu jistghu jingabu 'l quddiem b'azzjoni kollettiva;
2. Tiddikjara li inti agixxejt b'mod skorrett u qarrieqi - kemm ghaliex il-komportament tieghek jikkwalifika bhala prattika kummercjali ingusta kif ukoll ghaliex il-komportament tieghek jammonta ghal prattika qarrieqa u ukoll ghaliex dak il-komportament ma kienx konformi mad-dettami u direttivi mahruga mill-MFSA f'dan ir-rigward - fil-konfront tal-atturi Falzon u konjugi Buttigieg meta beghtilhom investiment f'Lifemark SA Secure Income Bond Series gestit mill-kumpanija Lifemark S.A. rregistrata fil-Lussemburgu;
3. Tiddikjara li inti komplejt ittradejt il-fiducja tal-atturi Falzon u konjugi Buttigieg meta, minkejja l-preokkupazzjonijiet li huma kienu qeghdin juru dwar dan l-investiment inti prattikament irrifjutajt li tillikwida dak l-investiment u b'hekk cahhadt lill-atturi minn kull opportunita li jsalvaw xi haga mill-investiment taghhom;
4. Konsegwentement tiddikjara li inti responsabbli fil-konfront tal-atturi ghat-telf kollu li huma sofrew per konsegwenza tal-premess;
5. Tillikwida l-ammont tad-danni soffert mill-attur Falzon fl-ammont ta' US$100,821.50c flimkien mal-interessi relattivi b'effett mid-data tal-ahhar pagament tal-imghaxijiet fuq din is-somma mill-kumpanija Lifemark S.A. wara li jigu akkreditati r-rifuzjoni li twettqet mill-konvenuta akkont ta' dan it-telf qabel April 2014;
6. Tillikwida l-ammont tad-danni soffert mill-atturi konjugi Buttigieg fl-ammont ta' €47,100 ukoll bl-interessi relattivi b'effett mid-data tal-ahhar pagament tal-imghaxijiet fuq din is-somma mill-kumpanija Lifemark S.A. wara li jigu akkreditati r-rifuzjoni li twettqet mill-konvenuta akkont ta' dan it-telf qabel April 2014.
7. Tikkundannak sabiex thallas lil kull wiehed mill-atturi l-ammont hekk likwidat.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk 3, u tal-mandat ta' sekwstru pprezentat kontestwalment ma' din il-kawza; u bl-ingunzjoni ghas subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tas-socjeta konvenuta li tghid hekk:

Il-Fatti
1. Illi fir-rigward tal-ewwel u r-raba' paragrafu tar-rikors promotur, is-socjeta intimata tirrespingi l-allegazzjonijiet maghmula mir-rikorrent Angelo Falzon; Is-socjeta intimata tirrileva illi: (a) r-rikorrent Falzon ilu klijent tas-socjeta esponenti sa mill-2004 u bejn l-2004 u tal-2010 akkwista diversi investimenti tramite s-socjeta intimata; (b) ma saret ebda pressjoni fuq r-rikorrent Falzon mis-socjeta intimata jew mir-rapprezentanti taghha sabiex ibiegh jew jixtri xi investiment, wisq anqas sabiex jaqleb investiment f'iehor; u (c) ir-rikorrent Falzon agixxa liberament u minn jeddu fir-rigward ta' kull investiment li biegh jew akkwista tramite s-socjeta intimata, inkluz l-investiment in kwistjoni ta' US$100,821.50 fil-Lifemark S.A. Secure Income Bond Issue 4 USD A1 fil-11 ta' Settembru 2008 u cioe mhux fil-15 ta' April 2009 kif jghid r-rikorrent f'paragrafu erbgha tar-rikors promotur;

2. Illi wkoll fir-rigward tal-ewwel u t-tielet paragrafu tar-rikors promotur, is-socjeta intimata tirrespingi ukoll l-allegazzjonijiet maghmula mill-konjugi Buttigieg; Is-socjeta intimata tirrileva illi: (a) ir-rikorrent Edward Buttigieg ilu klijent tal-esponenti sa mis-

sena 2007 u bejn is-sena 2007 u s-sena 2009 akkwista diversi investimenti tramite s-socjeta intimata; (b) ma saret ebda pressjoni fuq ir-rikorrenti Buttigieg mis-socjeta intimata jew mir-rapprezentanti taghha sabiex ibieghu jew jixtru xi investiment, wisq anqas sabiex jaqilbu investiment f'iehor; u (c) ir-rikorrenti Buttigieg agixxew liberament u minn jeddhom fir-rigward ta' kull investiment li bieghu jew akkwistaw tramite s-socjeta intimata inkluz l-investiment in kwistjoni ta' euro 47,100 fil-Lifemark S.A. Secure Income Bond Issue 4 fit-03 ta' Ottubru 2008, liema investiment fil-fatt inxtara biss mir-rikorrent Edward Buttigieg wahdu;

3. Illi fir-rigward tat-tieni paragrafu tar-rikors promotur, s-socjeta intimata tirrileva illi hija licenzjata taht l-Att Dwar Servizzi ta' Investiment (Kap. 370 tal-Ligijiet ta' Malta) biex tagixxi ta' intermedjarja ghax-xiri ta' kifukoll biex taghti pariri fuq l-investimenti; wkoll is-socjeta intimata tghid illi fiz-zmien li fih inbiegh l-investiment in kwistjoni, Lifemark S.A. kienet societa anonima mwaqqfa fil-Lussemburgu u regolata mill-Commission de Surveillance du Secteur Financier tal-Lussemburgu;

4. Illi wkoll fir-rigward tat-tielet paragrafu tar-rikors promotur, is-socjeta intimata tghid illi precedentement il-konjugi Buttigieg ghamlu investimenti ohra tramite s-socjeta intimata, fosthom investimenti ta' Lm22,297.10 fil-Metropolis Developments Limited li sar fit-12 ta' Dicembru 2007; Izda s-socjeta intimata tirrespingi l-allegazzjoni illi hija kkonvincit lir-rikorrenti Buttigieg jaqilbu xi investiment u tirribadixxi illi l-konjugi Buttigieg agixxew liberament u minn jeddhom fl-ghazla tal-investimenti taghhom;

5. Illi wkoll fir-rigward tat-tielet paragrafu, is-socjeta intimata tghid illi wara li gie spjegat lir-rikorrent Edward Buttigieg x'investimenti seta’ jakkwista tramite is-servizzi tas-socjeta intimata dan ghazel illi jinvesti fis-"Secure Income Bond Issue 4" mahrug minn Lifemark S.A. fit-03 ta' Ottubru 2008; illi fost affarijiet ohra r-rikorrent Buttigieg ghazel ukoll illi l-investiment tieghu ikun denominat fil-munita EURO u li l-imghax jithallas lilu kull sena; illi ghalhekk fil-mument li r-rikorrent Buttigieg xtara is-“Secure Income Bond Issue 4", dan l-investiment fl-isfond tal-informazzjoni li kienet tezisti dwaru u abbazi tal-informazzjoni li kellha s-socjeta intimata minghand ir-rikorrent Buttigieg, kellu il-premessi necessarji biex fil-fehma tas-socjeta intimata jissoddisfa l-ghan tal-investiment tar-rikorrent;

6. Illi fir-rigward ir-raba' paragrafu tar-rikors promotur s-socjeta intimata tghid illi precedentement ir-rikorrent Falzon ghamel diversi investimenti ohra tramite s-socjeta intimata, fosthom investimenti ta' €35,589 fl-Aberdeen B1 European High Yield Bond Fund li sar fl-1 ta' Ottubru 2004 u investiment ta' €9,562 fl-Aberrdeen International Asian Smaller Co Fund D2 li sar fl-10 ta' Ottubru 2005 u investiment ta' USD7,487 fil-BNP Parvest Bric Fund-Classis Capitalisation li sar fis-7 ta' Dicembru 2007;

7. Illi wkoll fir-rigward tar-raba' paragrafu, is-socjeta intimata tghid illi r-rikorrenti Falzon xtaq jbiegh l-investiment tieghu f'Aberdeen Global Emerging Markets Bond Fund B1; Illi wara li r-rikorenti Falzon gie spjegat lilu x'investimenti seta’ jakkwista tramite is-servizzi tas-socjeta intimata huwa ghazel illi jinvesti fls-"Secure Income Bond Issue 4 USD A1" mahrug minn Lifemark S.A. fil-11 ta' Settembru 2008; Illi fost affarjiet ohra r-rikorrent Falzon ghazel wkoll illi l-investiment tieghu ikun denominat f'Dollari Americani; illi ghalhekk fil-mument li r-rikorrent Falzon xtara is-"Secure Income Bond Series 5" dan l-investimenti fl-isfond tal-informazzjoni li kienet tezisti dwaru u abbazi tal-informazzjoni li kellha s-socjeta intimata minghand ir-rikorrent

Falzon stess, kellu l-premessi necessarji biex fil-fehma tas-socjeta intimata jissoddisfa l-ghan tal-investiment tar-rikorrent;

8. Illi fir-rigward tal-hames paragrafu tar-rikors promotur, is-socjeta intimata tirrespingi l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti bhala infondati fil-fatt u fid-dritt; Is-socjeta intimata tafferma illi huwa manifestament inveritier dak li qed jiddikjara r-rikorrent Falzon taht gurament illi ma ghandux ideja ta' kif jahdmu l-investimenti u dan kif jidher minn investimenti ohra tieghu u kif ser jirrizulta ulterjorment fil-kors tal-kawza; Illi inoltre jirrizulta li qabel ma ghamel l-investiment in kwistjoni r-rikorrent Falzon ikkonferma, fost affarijiet ohra, illi fehem kif jahdem l-investiment kif ukoll l-ispejjez u r-riskji involuti; ikkonfenna ukoll illi huwa kien gie mwissi mir-rapprezentant tas-socjeta intimata illi l-valur tal-investiment tieghu u l-qliegh relattiv jista' jinzel kif ukoll jitla' u li jista' jkun ukoll illi huwa jirkupra Iura inqas mis-somma investita minnu (Dan jidher car mill-File note datata 11 ta' Settembru 2008 hawn annessa u mmarkata bhala Dok. 'GC2' iffirmata mir-rikorrent Angelo Falzon); Illi ghalhekk assolutament mhuwiex minnu li r-rikorrent Falzon inghata xi assigurazzjoni min-naha tas-socjeta intimata li l-kapital investit certament kien ser jittiehed Iura minnhu fi tmiem il-perjodu ta' investiment;

9. Illi fir-rigward tal-hames paragrafu, is-socjeta intimata tirrespingi I-allegazzjonijiet tar-rikorrenti Buttigieg; Is-socjeta intimata tafferma illi huwa manifestament inveritier dak li qed jiddikjara r-rikorrent Edward Buttigieg taht gurament illi ma ghandux ideja ta' kif jahdmu l-investimenti u dan kif jidher minn investimenti ohra tieghu u kif ser ikompli jirrizulta fil-kors tal-kawza; Illi inoltre jirrizulta li qabel ma ghamel l-investiment in kwistjoni r-rikorrent Buttigieg ikkonferma bil-miktub, fost affarijiet ohra, illi fehem kif jahdem l-investiment kif ukoll l-ispejjez u r-riskji involuti; ikkonferma ukoll illi huwa kien gew imwissi mir-rapprezentant tas-socjeta intimata illi l-valur tal-investiment tieghu u l-qliegh relattiv jista' jinzel kif ukoll jitla' u li jista' jkun ukoll illi huwa jirkupra Iura anqas mis-somma investita minnhu (Dan jidher car mill-File note datata 3 ta' Ottubru 2008 hawn annessa u mmarkata bhala Dok. 'GC3' iffirmata mir-rikorrent Edward Buttigieg); Illi ghalhekk assolutament mhuwiex minnu li r-rikorrent Buttigieg inghataw xi assigurazzjoni min-naha tas-socjeta intimata li l-kapital investit certament kien ser jittiehed Iura minnhu fi tmiem il-perjodu ta' investiment;

10. Illi fir-rigward tas-sitt paragrafu tar-rikors promotur, is-socjeta intimata tirrespingi l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti Falzon u Buttigieg bhala infondati fil-fatt u fid-dritt; illi assolutament mhuwiex minnu illi s-socjeta intimata uzat xi prattika kummercjali ngusta u/jew qarrieqa skont it-tifsira tal-artikoli 51C u 51D tal-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur (Kap. 378 tal-Ligijiet ta' Malta) u bi ksur ta' xi "direttivi" u "policies" li jirregolaw lis-socjeta intimata kif qed jallegaw ir-rikorrenti (minghajr ma lanqas biss jindikaw liema huma dawk id-direttivi u policies - u dwar dan is-socjeta' intimata tirrizerva illi tesponi ulterjorment fil-kaz li r-rikorrenti jispjegaw b'mod car liema huma dawk id-direttivi u "policies" li qed jirreferu ghalihom); Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, is-socjeta intimata issostni illi hija agixxiet in buona fede u bhala entita regolata taht l-Att Dwar Servizzi ta' Investiment (Kap. 370 tal-Ligijiet ta' Malta) imxiet b'mod gust fil-konfront tar-rikorrenti u wettqet id-doveri taghha fedelment kif spjegat fil-paragrafi 3, 5 u 7 ta' din ir-risposta u kif ser ikompli jigi spjegat ulterjorment fil-kors tal-kawza;

11. Illi fir-rigward tas-seba' paragrafu tar-rikors promotur, s-socjeta intimata tirrespingi l-allegazzjoni tar-rikorrenti Buttigieg illi hija qatt tathom xi assigurazzjoni u/jew struzzjonijiet biex ma jaghmlu xejn fir-rigward tal-investiment taghhom u tirrespingi wkoll l-allegazzjoni tar-rikorrent Falzon illi hija skoraggietu u/jew ddiswadietu milli jigbor flusu;

12. Illi fir-rigward tat-tminn paragrafu tar-rikors promotur, is-socjeta intimata tirrileva illi hija kienet u ghadha tikkomunika regolarment u in buona fede mar-rikorrenti klijenti taghha dwar il-qaghda ta' Lifemark S.A. kif ser jirrizulta ulterjorment fil-kors tal-kawza;

13. Illi fir-rigward tal-paragrafu disgha tar-rikors promotur, is-socjeta intimata tirrespingi bhala infondata fil-fatt u fid-dritt l-allegazzjoni illi hija agixxiet hazin u bi ksur tar-regoli applikabbli ghal kumpaniji ta' investiment (anki f'dan il-kaz minghajr ma r-rikorrenti lanqas biss jindikaw liema huma dawk ir-regoli - u dwar dan is-socjeta intimata qeghdha wkoll tirrizerva illi tesponi ulterjorment fil-kaz li r-rikorrenti jispjegaw b'mod car liema huma dawk ir-regoli li qed jirreferu ghalihom); illi f'dan ir-rigward u minghajr pregudizzju ghas-suespost is-socjeta intimata tirrileva qabel xejn illi: (i) l-Awtorita Ghas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta hija mwaqqfa permezz tal-Att Dwar Awtorita Ghas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta (Kap. 330 tal-Ligijiet ta' Malta) u li l-istess Awtorita giet mahtura bhala l-'awtorita' kompetenti' ghall-finijiet tal-Att Dwar Servizzi ta' Investiment (Kap. 370 tal-Ligijiet ta' Malta) a tenur tal-Avviz Legali 126/1994 (L.S. 370.01); (ii) L-art. 20 tal-Kap. 330 jipprovdi ghall-hatra ta' Manager ghall-Ilmenti tal-Konsumaturi mill-Awtorita suriferita; u (iii) l-investigazzjonijiet tal-Manager ghall-Ilmenti tal-Konsumaturi tal-Awtorita huma cirkoskritti a tenur tal-istess art. 20 tal-Kap. 330; Illi inoltre, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, mill-investigazzjonijiet la tirrizulta, u lanqas tista' tirrizulta, xi determinazzjoni ta' htija u ta' ksur ta' regoli fil-konfront tas-socjeta intimata kif qed jallegaw ir-rikorrenti ghaliex tali determinazzjoni tezorbita mil-funzjoni u l-poteri tal-Manager ghall-ilmenti tal-Konsumaturi skont il-ligi. Illi apparti minn hekk l-allegazzjoni illi s-socjeta intimata "hegget" lir-rikorrenti sabiex jaghmlu l-investimenti in kwistjoni u inferenzi ohra li jaghmlu r-rikorrenti fil-kumplament tal-paragrafu disgha huma kompletament gratuwiti u manifestament skorretti kif ser ikompli jirrizulta fil-kors tal-kawza;

14. Illi fir-rigward tal-paragrafu ghaxra tar-rikors promotur, il-pretensjoni tar-rikorrenti hija infondata fil-fatt u fid-dritt in kwantu ma jezistux l-elementi kollha rikjesti mil-ligi sabiex l-azzjoni odiema titmexxa bhala azzjoni kollettiva skont l-Att Dwar Procedimenti Kollettivi (Kap. 520 tal-Ligijiet ta' Malta) u dan peress illi: (i) fl-ewwel lok, kif inhu evidenti l-azzjoni attrici hija ibbazata fuq allegazzjoni ta' ksur tad-"dettami", "direttivi" u "policies" mahruga mill-Awtorita Ghas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta u tar-"regoli applikabbli ghal kumpaniji ta' investiment" (liema kumpaniji kif spjegat huma regolati permezz tal-Kap. 330 u tal-Kap. 370 tal-Ligijiet ta' Malta u r-regolamenti maghmula tahthom) li ma jaqawx taht l-iSkeda A tal-Kap. 520 u ghalhekk din l-azzjoni ma tistax tissodisfa il-vot tal-art. 3 tal-Kap. 520; u (ii) fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talbiet attrici jehtiegu primarjament valutazzjoni tac-cirkostanzi individwali u personali, fosthom tal-ghanijiet tal-investiment u tal-gharfien u esperjenza, ir-rikorrenti Falzon u Buttigieg rispettivament kif ukoll tal-komportament tas-socjeta intimata fir-rigward tar-rikorrenti Falzon u Buttigieg individwalment u ghalhekk il-kwistjonijiet imqajma mill-azzjoni odjerna huma preponderantement jekk mhux unikament kwistjonijiet individwali u mhux

komuni; illi fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju ghall-premess fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz ma jirrizultax illi l-azzjoni kollettiva hija l-aktar mezz xieraq ghar-rizolviment gust u efficjenti tal-kwistjonijiet mqajma mir-rikorrenti Falzon u Buttigieg rispettivament - u dan kollu kif ser jigi spjegat fid-dettal waqt it-trattazzjoni tal-kawza; Inoltre u minghajr pregudizzju ghas-suespost:

a. is-socjeta intimata tirrespingi l-pretensjoni illi r-rikorrenti Falzon u Buttigieg jaqaw fi klassi ta' nies li ghandhom ftit jew xejn esperjenza fil-qasam tal-investimenti finanzjarji, Illi kif inghad l-gharfien u esperjenza tar-rikorrenti Falzon u Buttigieg rispettivament hija kwistjoni individwali li tifforma parti mil-mertu tal-azzjoni u ghalhekk dwar dan ghad iridu jitressqu l-provi individwali rilevanti fir-rigward tar-rikorrenti Falzon u Buttigieg separatament; Is-socjeta intimata tirrespingi ukoll l-allegazzjoni illi hija sgwidat lir-rikorrenti jew lil minn minnhom u li induciethom sabiex jinvestu flushom fi kwalsiasi investiment, wisq anqas f'xi investiment li ma kienx addatat ghalihom;

b. is-socjeta intimata tirrespingi l-allegazzjoni illi hija ghamlet uzu minn xi prattika kummercjali ingusta u/jew qarrieqa fil-konfront tar-rikorrenti Hili u Buttigieg kif diga spjegat;

c. is-socjeta intimata tirrespingi l-allegazzjoni illi hija naqset milli tinforma lil klijenti taghha bis-sitwazzjoni ta' Lifemark S.A.; illi kif spjegat is-socjeta intimata ikkomunikat mar-rikorrenti klijenti taghha in buona fede dwar il-qaghda ta' Lifemark S.A. u dan nonostante illi l-informazzjoni in kwistjoni kienet fid-dominju pubbliku u s-socjeta intimata qatt ma kellha xi informazzjoni privileggjata dwar l-istess Lifemark S.A.; illi s-socjeta esponenti tirrespingi ukoll bhala kompletament infondata l-allegazzjoni illi hija konxjament u dolozament, jew xorta ohra, tat parir hazin lir-rikorrenti jew lil min minnhom;

d. is-socjeta intimata tirrespingi l-allegazzjoni illi hija ghamlet xi rapprezentazzjonijiet skorretti lir-rikorrenti jew lil min minnhom u fi kwalsiasi kaz ghad trid issir il-prova tal-hsara jew telf soffert mir-rikorrenti; illi minghajr pregudizzju ghall-premess il-fattur li r-rikorrenti Falzon u Buttigieg it-tnejn qed jallegaw li soffrew telf fuq l-investimenti rispettivi taghhom mhuwiex sufficjenti biex l-azzjoni odjerna titmexxa bhala azzjoni kollettiva skont l-Att Dwar Procedimenti Kollettivi (Kap. 520 tal-Ligijiet ta' Malta);

15. Illi fir-rigward tal-paragrafu hdax tar-rikors promotur, is-socjeta intimata tichad kategorikament l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti bhala infondati fil-fatt u fid-dritt; Is-socjeta intimata ma adoperat l-ebda frodi u/jew kaptazzjoni fir-rigward tar-rikorrenti jew min minnhom u s-socjeta intimata tirribadixxi li r-rikorrenti Falzon u Buttigieg ghamlu l-investimenti rispettivi taghhom liberament u xjentement u ma kien hemm l-ebda zball materjali, wisq anqas zball ipprovokat mis-socjeta intimata, li jista' jkollu xi konsegwenza fil-ligi;

16. Illi fir-rigward tal-paragrafu tnax tar-rikors promotur, is-socjeta intimata filwaqt li tichad kategorikament illi hija gabet ruha b'xi mod zleali, ingust u/jew qarrieqi fil-konfront tar-rikorrenti jew min minnhom tghid illi l-funzjoni taghha kienet illi taghti parir u tezegwixxi l-ordnijiet ta' xiri tar-rikorrenti u fl-ebda mument ma assumiet l-inkarigu illi tiggestixxi jew timmanigga l-investimenti tar-rikorrenti jew ta' xi hadd minnhom kif qed jiddikjaraw ir-rikorrenti;

17. Illi fir-rigward tal-paragrafu tlettax tar-rikors promotur, is-socjeta intimata tghid illi fil-vesti taghha ta' intermedjarja u apparti l-imghaxijiet, hija ghamlet hlasijiet ta' US$8,569.83, US$1,396.88, US$2,368.70 u US$1,898.07lir-rikorrent Angelo Falzon

fir-rigward tal-investiment tieghu f'Lifemark SA Secure Income Bond Issue 4 USD A1 u hlasijiet ta' €4,003.50, €652.57, €1,106.57 u €886.70 lir-rikorrent Edward Buttigieg fir-rigward tal-investiment tieghu f'Lifemark SA Secure Income Bond Issue 4 EUR; Illi l-hlas ta' US$1,396.88 giet accettata u nkassata mir-rikorrent Angelo Falzon minghajr ebda rizerva u l-hlas ta' €4,003.50 giet accettata u nkassata mir-rikorrent Edward Buttigieg minghajr ebda rizerva ; Dan gie rifless fl-ittri datati 22 Awwissu 2014 u 23 Gunju 2015 bhala risposti mibghuta lill-konsulent legali tar-rikorrenti (hawn annessi u mmarkati bhala Dok. 'GC4' u Dok. 'GC5';

18. Illi fir-rigward tal-paragrafu erbatax tar-rikors promotur, apparti li ghad trid issir il-prova tad-dannu jew telf soffert mir-rikorrenti, anki jekk ghall-grazzja tal-argument biss jirrizulta li r-rikorrenti Falzon u Buttigieg garrbu xi telf fuq l-investimenti rispettivi taghhom b'daqshekk ma jsegwix illi s-socjeta intimata hija responsabbli ghad-dannu jew telf soffert; illi minghajr pregudizzju ghall-premess, is-socjeta intimata tichad fermament kwalsiasi responsabilita ghad-danni, telf jew ghall-ammonti mitluba mir-rikorrenti;

19. Illi fir-rigward tal-hmistax il-paragrafu tar-rikors promotur, is-socjeta intimata tirrileva illi kif spjegat fil-paragrafu erbatax ta' din ir-risposta ma jezistux l-elementi kollha rikjesti mil-ligi sabiex l-azzjoni odjerna titmexxa bhala azzjoni kollettiva a tenur tal-Att Dwar Procedimenti Kollettivi (Kap. 520 tal-Ligijiet ta' Malta) u ghalhekk il-ftehim milhuq bejn ir-rikorrenti Falzon u Buttigieg ma jista' jkollu l-ebda effett ghall-fini tal-Kap. 520;

20. Illi s-socjeta intimata ghandha l-ufficcju taghha gewwa l-gzira ta' Malta fi Triq Testaferrata, Ta' Xbiex fejn giet notifikata bir-rikors promotur odjern;

21. Illi finalment ghad trid issir il-prova li l-Ghaqda tal-Konsumaturi hija debitament imwaqqfa skont il-ligi, li ghandha l-poteri li tintavola din l-azzjoni u li l-imsemmi Benjamin Borg Bonello ID 412448(M) ghandu r-rapprezentanza tal-istess Ghaqda;

22. Illi l-fatti indikati fil-paragrafi suriferiti ta' din ir-risposta huma maghrufin lill-esponenti in kwantu jaf bihom fil-mansjoni tieghu bhala ufficjal tas-socjeta intimata.

L-eccezzjonijiet
Ghaldaqstant in vista tas-suespost is-socjeta intimata ghandha s-segwenti eccezzjonijiet xi tressaq kontra t-talbiet tar-rikorrenti:
(1) Illi preliminarjament din l-Onorabbli Qorti mhiex il-qorti kompetenti sabiex tiehu konjizzjoni ta' din il-kawza kontra s-socjeta intimata li ghandha l-ufficcju taghha gewwa l-gzira ta' Malta in kwantu s-socjeta intimata qed tipprevalixxi ruhha mill-privilegium fori moghti lilha a tenur tal-artikoli 741(c) u 767 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta) u ghalhekk din l-Onorabbli Qorti ghandha tiddikjara ruhha inkompetenti li tisma din il-kawza u tillibera lis-socjeta intimata mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez kontra r-rikorrenti;

(2) Illi preliminarjament trid issir il-prova li r-rikorrenti Ghaqda tal-Konsumaturi hija debitament imwaqqfa skont il-ligi, li ghandha l-poteri li tintavola din l-azzjoni u li l-imsemmi Benjamin Borg Bonello ID 412448(M) gie debitament awtorizzat jirrapprezentanza l-istess Ghaqda altrimenti din l-Onorabbli Qorti ghandha tiddikjara li r-rikors promotur odiem huwa null u rritu u konsegwentement tichad din l-azzjoni;

(3) Illi preliminarjament ukoll u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjoniet l-ohra din il-kawza ma tistax titmexxa bhala azzjoni kollettiva skont l-Att Dwar Procedimenti Kollettivi (Kap. 520 tal-Ligijiet ta' Malta) peress illi ghar-ragunijiet spjegati ma tissodisfax il-vot tal-art. 3 tal-Kap. 520 u ghalhekk din l-Onorabbli Qorti ghandha tichad din l-azzjoni;

(4) Illi preliminarjament ukoll u minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talbiet attrici jehtiegu primarjament valutazzjoni tac-cirkostanzi individwali u personali, fosthom tal-ghanijiet tal-investiment u tal-gharfien u esperjenza, tar-rikorrenti Falzon u l-konjugi Buttigieg rispettivament kif ukoll tal-komportament tas-socjeta intimata fir-rigward tar-rikorrenti Falzon u konjugi Buttigieg separatament u ghalhekk il-kwistjonijiet mqajma mill-azzjoni odjerna huma preponderantement jekk mhux unikament kwistjonijiet individwali u mhux komuni u fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju ghall-premess fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz ma jirrizultax illi l-azzjoni kollettiva hija l-aktar mezz xieraq ghar-rizolviment gust u efficjenti tal-kwistjonijiet mqajma mir-rikorrenti f'din il-kawza; illi ghalhekk din l-Onorabbli Qorti ghandha tiddikjara illi l-procedimenti odjerni ma jikkwalifikawx biex jitmexxew bhala procedimenti kollettivi u konsegwentement ghandha tichad din l-azzjoni;

(5) Illi preliminarjament ukoll u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra, t-talbiet tal-atturi in kwantu bbazati fuq responsabbilta extra kontrattwali huma preskritti a tenur tal-art. 2153 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

(6) Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra t-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt in kwantu s-socjeta intimata mhux responsabbli ghal ebda telf jew dannu li setghu gew sofferti mir-rikorrenti, jew min minnhom, la minhabba xi prattika kummercjali ngusta u/jew qarrieqa, la minhabba xi komportament li ma kienx konformi mad-dettami u direttivi mahruga mill-Awtorita Ghas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta u lanqas minhabba xi komportament iehor kif allegat fir-rikors promotur u ghalhekk it-talbiet rikorrenti ghandhom jigu respinti;

(7) Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.
Bl-ispejjez kollha, inkluz dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju fl-ismijiet premessi bin-numru 159/2015 u tal-atti relattivi u konkomitanti l-ohra kollha, kontra rikorrenti.

Rat l-atti u n-noti ta' sottomissjonijiet u semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza fuq l-eccezzjoni preliminari.

**Ikkunsidrat**

Il-kawza odjerna titratta dwar investimenti separati li saru mill-konjugi Buttigieg u Falzon li marru hazin u l-allegazzjonijiet fil-konfront tas-socjeta konvenuta huma varji fosthom li agixxiet b'mod skorrett u qarrieqi kif ukoll li ttradiet il-fiducja taghhom u

talbu dikjarazzjoni li hija responsabbli ghat-telf kollu soffert minnhom u li jigu likwidati d-danni dovuti lilhom.

In segwitu ghall-verbal a fol. 128 datat 22 ta' Marzu 2017 il-kawza thalliet ghall-provi fuq it-tielet eccezzjoni tas-socjeta konvenuta u llum ghas-sentenza fuq l-istess.

**It-tielet eccezzjoni**

Fit-tielet eccezzjoni taghha s-socjeta konvenuta tghid li l-kawza odjerna ma tistax titmexxa bhala azzjoni kollettiva skont l-Att Dwar Procedimenti Kollettivi (Kap. 520 tal-Ligijiet ta' Malta) peress illi ma tissodisfax il-vot tal-art. 3 tal-Kap. 520 billi l-Kap. 370 u r-regoli maghmula bis-sahha tal-istess ligi ma jinsabux elenkati fl-iSkeda A tal-Kap. 520.

L-art. 3 tal-Att dwar Procedimenti Kollettivi jipprovvdi li:

> Jistghu jigu istitwiti procedimenti kollettivi ghat-twaqqif ta' ksur, ghar-rettifika tal-konsegwenzi ta' ksur u, jew kumpens ghall-hsara meta:
> (a) ksur tal-Atti elenkati fl-iSkeda A, jew ta' xi regolamenti maghmula tahthom, sakemm dawn ir-regolamenti ma humiex espressament eskluzi fl-iskeda, u ta' xi regolamenti li jistghu jkunu elenkati fl-iskeda, huwa allegat li sehh;
> (b) investigazzjoni quddiem awtorita pubblika jew procedimenti quddiem tribunal jew korp simili jew qorti ta' gurisdizzjoni civili rigward ksur ta' dawk il-ligijiet imsemmija fil-paragrafu (a) tkun jew ikunu ghadhom pendenti; jew
> (c) decizjoni jew sentenza li tistabbilixxi ksur ta' dawk il-ligijiet fir-rigward tal-istess fatti ghaddiet f'gudikat.

Fl-iskeda A jinghad li skont l-artikolu 3 tal-Att, is-segwenti tikkostitwixxi l-lista ta' dawk l-Atti fejn procedimenti kollettivi jistghu jigu istitwiti:

-Kap. 379. I. L-Att dwar il-Kompetizzjoni, u l-artikoli 101 jew 102 tat-TFUE.
-Kap. 378. II. L-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur u dawk l-Atti imsemmija fl-artikolu 111 tal-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur (artikolu 111 ma ghadux fis-sehh u gie mhassar bl-Att VI.2014.9).
-Kap. 427. III. L-Att dwar is-Sigurezza tal-Prodotti.

Il-Qorti ghalhekk trid tiddeciedi jekk it-talbiet attrici humiex konformi mal-artikolu 3 tal-Kap. 520 (ara art. 7(1)(c) Kap. 520).

Is-socjeta konvenuta issottomettiet li mill-premessi tar-rikors promotur u mit-tieni talba jirrizulta li l-azzjoni tal-atturi hija bazata fuq il-fatt li l-intimata hija kumpanija

licenzjata mal-MFSA taht l-art. 6 tal-Kap. 370 u marbuta bir-regoli ta-MFSA Art. 6(2)(b) tal-Kap. 370 izda dan il-Kap. mhux elenkat fl-iskeda A tal-Kap. 520 ghalhekk il-kawza ma tistax titmexxa bhala azzjoni kollettiva.

L-atturi jikkontendu li l-agir tas-socjeta intimata fil-bejgh tal-investiment fil-Lifemark s.a. sar bi ksur tal-Kap. 378, li hu wiehed mill-atti li jissemmew fl-iskeda A tal-Kap. 520 bhala li jaghti lok ghal possibilita ta' azzjoni kollettiva. Jghidu li l-awtorita regolatorja kienet irceviet diversi ilmenti dwar is-socjeta konvenuta u wara li ghamlet l-indagini taghha ikkonkludiet li kien hemm nuqqasijiet da parti tal-intimata (ara art. 51A et seq. tal-Kap. 378). Ir-rikorrenti qed jakkuzaw lis-socjeta konvenuta bi prattici ingusti u prattici qarrieqa u ghalhekk talbu lura l-ammont investit, imghax u danni u talbu l-assistenza tal-Ghaqda attrici.

**Tikkunsidra**

Illi fit-tieni talba taghhom l-atturi qed jitolbu li dina l-Qorti:

Tiddikjara li inti agixxejt b'mod skorrett u qarrieqi – kemm ghaliex il-komportament tieghek jikkwalifika bhala prattika kummercjali ingusta kif ukoll ghaliex il-komportament tieghek jammonta ghal prattika qarrieqa u ukoll ghaliex dak il-komportament ma kienx konformi mad-dettami u direttivi mahruga mill-MFSA f'dan ir-rigward - fil-konfront tal-atturi Falzon u konjugi Buttigieg meta beghtilhom investiment f'Lifemark SA Secure Income Bond Series gestit mill-kumpannija Lifemark S.A. rregistrata fil-Lussemburgu.

Illi minn qari ta' dina t-talba ghandu jirrizulta li l-atturi mhux biss qed jibbazaw it-talba taghhom fuq il-fatt li *dak il-komportament ma kienx konformi mad-dettami u direttivi mahruga mill-MFSA* imma ukoll ghax l-intimata agixxiet b'mod skorrett u qarrieqi ghaliex il-*komportament tieghek jikkwalifika bhala prattika kummercjali ingusta* kif ukoll ghaliex *il-komportament tieghek jammonta ghal prattika qarrieqa.*

Ifisser li l-atturi mhux qed jillimitaw l-azzjoni taghhom abbazi tal-Kap. 370 imma anke abbazi tal-Kap. 378 l-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur, li hu nkluz fl-iskeda A tal-Kap. 520.

Fid-decizjoni fil-kawza **Frank Pace et vs Kummissarju tal-Artijiet** (PA 19/02/2004) gie illi l-azzjoni jaghzilha l-attur u mhux il-parti mharrka u mhuwiex imholli ghall-parti mharrka li tissuggerixxi x`azzjoni messu ressaq l-attur. Huwa fuq l-azzjoni hekk kif proposta mill-attur li l-Qorti trid taghti l-gudizzju taghha, u mhux fuq x`azzjoni seta` jew messu ressaq l-attur (ara wkoll **Emmanuel A. Bonello noe vs Francis Fenech**, PA 20/05/2004).

Illi ma hemmx dubbju li l-atturi konjugi Buttigieg u Falzon huma konsumaturi ai termini tal-artikolu 2 tal-Kap. 378 u nghataw servizz, skond l-atturi, hazin, mis-socjeta konvenuta. Jekk dan is-servizz jiksirx ukoll ir-regolamenti tal-MFSA ma jfissirx li l-atturi ma ghandhomx jibqghu kkunsidrati bhala konsumaturi taht id-disposizzjonijiet tal-ligi taht il-Kap. 378.

Fir-rikors promotur taghhom l-atturi ppremettew li l-agir tal-intimata meta bieghet il-prodott taghha cjoe l-investiment fil-Lifemark s.a. sar ukoll bi ksur tal-Kap. 378 senjatament id-disposizzjonijiet tat-Titolu VIII (Unfair commercial practices) l-artikoli 51(C) (Misleading Actions) u 51(D) (Misleading Ommissions) tal-Kap. 378, kif sabet l-awtorita regolatrici mill-investigazzjonijiet li ghamlet.

Ghalhekk l-azzjoni attrici kif proposta setghet titmexxa bhala azzjoni kollettiva (Dok. A a fol. 8) abbazi tal-artikolu 3 tal-Kap. 378.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tiddeciedi billi tichad it-tielet eccezzjoni tas-socjeta konvenuta bl-ispejjez kontra taghha.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur